



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

10783/12
DCL 1

NZ 3
ASIE 59
COASI 91
WTO 212
OC 288

DEKLASSIFIKAZZJONI

tad-dokument: ST 10783/12 RESTREINT UE/EU RESTRICTED

data: 7 ta' Ġunju 2012

status ġdid: Pubbliku

Suġġett: Relazzjonijiet ma' New Zealand

- Awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim Qafas bejn I-UE u I-Istati Membri tagħha u New Zealand

LINJI GWIDA KOMUNI

Skadenza għall-konsultazzjoni tal-Kroazja: 18.06.2012

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni deklassifikata tad-dokument imsemmi hawn fuq.

It-test ta' dan id-dokument huwa identiku għal dak tal-verżjoni preċedenti.



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 7 ta' Ġunju 2012 (18.06)
(OR. en)**

10783/12

RESTREINT UE/EU RESTRICTED

NZ 3

ASIE 59

COASI 91

WTO 212

OC 288

NOTA PUNT "I/A"

Minn:	Asia-Oceania Working Party
Lil:	Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja COREPER/Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill
Nru prop. Cion:	8519/12 - RESTREINT UE
Dok. preċedenti:	10432/12 - RESTREINT UE
Suġġett:	Relazzjonijiet ma' New Zealand - Awtorizzazzjoni għall-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u New Zealand

LINJI GWIDA KOMUNI
Skadenza għall-konsultazzjoni tal-Kroazja: 18.06.2012

1. Fit-2 ta' April 2012, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Rakkomandazzjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal Ftehim Qafas bejn l-UE u New Zealand (dok. 8519/12 RESTREINT UE).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja ddiskuta r-Rakkomandazzjoni fil-25 ta' April u l-25 ta' Mejju 2012. Fil-5 ta' Ġunju 2012, il-Grupp ta' Ħidma qabel permezz tal-proċedura ta' silenzju dwar pakkett tas-Sedja¹ li jikkonsisti minn abbozzi ta' direttivi ta' negozjati riveduti, abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, abbozz ta' Deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, u abbozz ta' dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni. Dan il-pakkett ta' testi rreplika eżattament il-preċedenti reċenti stabbiliti adottati mill-Kunsill rigward il-kwistjoni tan-natura tal-ftehim.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden
- jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja dwar il-pakkett;
 - jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli biex jinneogzjaw f'isem l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u New Zealand, li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni Ewropea, kif jinsabu fid-dokument 10812/12 u kif iffinalizzati mill-Ġuristi-Lingwisti.
 - b) jadotta d-Direttivi ta' Negozjati kif jinsabu fl-Anness I għal din in-nota;
 - c) idaħħal fil-minuti tiegħu d-Dikjarazzjoni li tinsab fl-Anness II għal din in-nota.

¹ Dok 10432/12 - RESTREINT UE

4. Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, huma mistiedna jadottaw id-Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tinnegozja fisem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet ta' Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u New Zealand, li jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri, kif jinsabu fid-dokument 10814/12 u kif iffinalizzati mill-Ġuristi-Lingwisti.

DECLASSIFIED

**Direttivi għan-negozjar ta' Ftehim Qafas
bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand**

A. IN-NATURA TAL-FTEHIM

L-UE u New Zealand għandhom relazzjoni ta' kooperazzjoni li ilha għadejja żmien twil, żviluppata skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-1999 dwar ir-Relazzjonijiet bejn New Zealand u l-Unjoni Ewropea. Fl-2007, l-UE u New Zealand adottaw Dikjarazzjoni Konġunta mhux vinkolanti dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni, li pprovdiet qafas għar-relazzjoni għall-5 snin segwenti.

Fil-kuntest ta' wara Lisbona, u wara l-impenn għal reviżjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta fl-2012, huwa mixtieq li jkun hemm titjib ulterjuri fir-relazzjoni bejn l-UE u New Zealand. New Zealand indika l-interess tiegħu li jidħol f'relazzjoni legalment vinkolanti mal-UE. Qed jiġi propost li jiġi nnegozjat Ftehim Qafas li jirregola r-relazzjonijiet bejn l-UE u New Zealand.

Fejn jidħol il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, il-Ftehim li qed jiġi propost għandu jkollu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-oqsma inklużi fid-Dikjarazzjoni Konġunta, jiġifieri s-sigurtà globali u reġjonali; id-drittijiet tal-bniedem u l-għieda kontra t-terroriżmu; il-moviment tal-persuni; il-kooperazzjoni għall-iżvilupp; il-kooperazzjoni fil-kummerċ u fl-ekonomija; ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni; l-iskambji edukattivi u professjonali; l-ambjent u t-tibdil fil-klima; is-sajd; it-trasport; u r-rabtiet bejn in-nies u attivitajiet ta' konnessjoni. Jista' wkoll ikun jinkludi oqsma addizzjonali ta' interess komuni.

Il-liberalizzazzjoni tat-tariffi, is-sussidji agrikoli u l-aċċess preferenzjali għas-suq huma kwistjonijiet 'il barra mill-ambitu tal-Ftehim Qafas li qed jiġi propost.

RESTREINT UE/EU RESTRICTED

Dawk il-valuri li huma komuni għandhom jiġu kkonkretizzati permezz ta' klawnsoli politiċi vinkolanti li huma element ċentrali ta' ftehimiet simili mal-pajjiżi sħab kollha. Għaldaqstant, l-UE u New Zealand għandhom jipproġettaw l-impenji tagħhom f'oqsma bħal ma huma d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, f'konformità totali ma' klawnsoli standard fi ftehimiet simili, imfassla fejn ikun meħtieġ għall-każ ta' New Zealand.

Il-Ftehim Qafas propost bejn l-UE u New Zealand għandu jtejjeb u jieħu post id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni adottata fl-2007. Huwa se joħloq qafas ġenerali legalment vinkolanti għar-relazzjonijiet tal-UE ma' New Zealand. Il-ftehimiet kollha li jeżistu dwar setturi speċifiċi se jibqgħu fis-seħħ.

Għandu jkun hemm rabta ċara legali u istituzzjonali bejn il-Ftehim Qafas u ftehimiet settorjali, sew dawk li diġà jeżistu, kif ukoll dawk li għad jistgħu jsiru. Il-qafas għall-amministrazzjoni tal-ftehimiet għandu jkun koerenti.

Fejn ikun rilevanti, dispożizzjonijiet ġodda u aġġornati għandhom ikunu bbażati fuq dawk li jinsabu fi ftehimiet oħra reċenti tal-UE ta' din ix-xorta, li jiġu adattati kif jixraq għall-każ ta' New Zealand.

Il-pożizzjoni speċjali tar-Renju Unit, tal-Irlanda u tad-Danimarka fir-rigward tal-Parti Tlieta, it-Titolu V tat-TFUE għandha tiġi rispettata totalment.

Is-suġġett inkluż fid-direttivi ta' negozjati attwali jinkludi oqsma tal-kompetenzi tal-Unjoni kif ukoll oqsma tal-kompetenza tal-Istati Membri.

L-istruttura u l-bażi ġuridika tal-ftehim jiġu determinati fid-dawl tar-riżultati tan-negozjati.

B. IL-KONTENUT PROPOST TAL-FTEHIM

Preambolu

Il-Preambolu tal-Ftehim Qafas propost għandu jinkludi referenzi għal:

- Valuri u impenji komuni
- It-tishiġ tad-djalogu u l-kooperazzjoni bilaterali
- It-titjib tal-koordinazzjoni fir-relazzjonijiet reġjonali u multilaterali
- L-iżvilupp ta' approċċi komuni quddiem sfidi globali

Il-Preambolu għandu jkollu wkoll referenzi għall-għanijiet komuni ta' politika u għall-impenji internazzjonali tal-partijiet

Il-bażi tal-kooperazzjoni

Dan il-ftehim hu bbażat fuq valuri u impenji komuni li għandhom jiġu espressi fil-ħames klawsoli politiċi vinkolanti li fuqhom jinbnew ir-relazzjonijiet komprensivi kollha bejn l-UE u pajjiżi terzi:

- Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (HR);
- In-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva (WMD);
- Il-ġlieda kontra t-terroriżmu;
- Il-prosekuzzjoni ta' dawk akkużati bi-atti kriminali li l-aktar jolqtu lill-komunità internazzjonali (ICC);
- Armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW).

Għandha tiddaħħal dispożizzjoni li tistipula li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt jiggwidaw il-politika, sew dik domestika kif ukoll dik barranija tal-partijiet. Il-klawsola HR hija ddefinita bħala element essenzjali tal-Ftehim. L-ewwel paragrafu tal-klawsola WMD ukoll jikkostitwixxi element essenzjali.

L-għanijiet tal-kooperazzjoni

Qed jiġi propost li tintuża d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2007 bħala punt tat-tluq biex jiġi determinat l-ambitu u l-għanijiet tal-kooperazzjoni futura. Għandhom ikunu inklużi l-għanijiet li ġejjin; dawn jistgħu jiġu aġġustati u elaborati fejn ikun meħtieġ.

- It-tisħiħ tad-djalogu u l-kooperazzjoni biex jiġu appoġġjati u promossi l-valuri komuni tagħna; b'mod partikolari permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib fil-fora kollha relevanti, reġjonali u internazzjonali, u f'organizzazzjonijiet biex jisseddqu d-drittijiet tal-bniedem u l-valuri demokratiċi madwar id-dinja kollha;
- It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-approċċ tagħna għall-isfidi globali f'konformità mal-għanijiet komuni tagħna, speċjalment billi jiġu proposti soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni. Il-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati għandhom jinkudu l-paċi u s-sigurtà, in-nonproliferażzjoni, it-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali, l-universalizzazzjoni tal-Istatut ta' Ruma għall-Qorti Kriminali Internazzjonali, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-ambjent;
- It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bilaterali dwar affarijiet ekonomiċi u ta' kummerċ u fl-oqsma tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà (inkluża l-migrazzjoni), ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni kif ukoll rabtiet "tan-nies man-nies", kif ukoll f'oqsma oħra ta' interess komuni;
- It-tisħiħ tal-profil tal-UE u New Zealand fir-reġjuni ta' xulxin.

Id-djalogu u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' politika u ta' sigurtà

L-UE u New Zealand għandhom jisħqu fuq il-valuri komuni tagħhom u jiżviluppaw approċċ komuni biex jindirizzaw l-isfidi globali.

L-UE u New Zealand għandhom jikkooperaw mhux biss bilateralment, iżda wkoll għandhom jaraw li jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom fil-fora rilevanti reġjonali u multilaterali.

Għandha tiddaħħal dispożizzjoni li tirreferi għad-Djalogu Politiku bejn l-UE u New Zealand.

Il-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ekonomiċi u ta' kummerċ

Id-djalogu dwar il-politika ekonomika

Għandhom jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' esperjenzi dwar linji ta' politika u xejriet makroekonomiċi.

Kwistjonijiet dwar il-kummerċ u l-investment

Fil-Ftehim Qafas għandu jkun hemm dispożizzjonijiet marbuta mal-kummerċ li jirriaffirmaw l-impenn komuni lejn is-sistema ta' kummerċ multilaterali u jkollhom l-għan li jinholq ambjent li jippromwovi aktar kummerċ u investment bilaterali bejn l-UE u New Zealand. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tagħmel hilita b'mod partikolari biex trawwem kooperazzjoni msaħħa f'oqsma ta' interess speċifiku għall-UE bħad-Drittijiet tal-Proprietà Intelletwali (inklużi Indikazzjonijiet Ġeografiċi), l-akkwist pubbliku u l-miżuri sanitarji u fitosanitarji. Il-liberalizzazzjoni tat-tariffi, is-sussidji agrikoli u l-aċċess preferenzjali għas-suq huma kwistjonijiet 'il barra mill-ambitu tal-Ftehim Qafas li qed jiġi propost.

Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà

Il-ftehim għandu jkunu jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-oqsma li ġejjin:

Is-Sigurtà. Il-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata transnazzjonali, tal-kriminalità bl-internet, ta' attivitajiet illegali oħra u tat-terroriżmu, u l-ġlieda kontra dawn, inkluż ir-ratifika ta' strumenti internazzjonali kontra t-terroriżmu u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi.

Il-Migrazzjoni, l-ażil, il-viżi u kwistjonijiet dwar il-fruntieri. Il-Migrazzjoni – li tkopri sew il-migrazzjoni legali kif ukoll dik illegali – l-ażil, l-integrazzjoni, il-viżi, il-kwistjonijiet dwar il-fruntiera u s-sigurtà domestika (fil-kunsiderazzjoni tal-klawsola standard dwar il-migrazzjoni).

Id-Drogi illeċiti. Il-kooperazzjoni fil-qasam tad-drogi illegali bil-għan li timaqqas id-domanda u l-katini ta' provvista tagħhom.

Il-Ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Il-prevenzjoni tal-użu tas-sistemi finanzjarji biex jitnaddaf il-qliġ minn attivitajiet kriminali u tal-iffinanzjar tat-terroriżmu.

Il-Kooperazzjoni ġudizzjarja. Aktar żvilupp fil-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Il-Protezzjoni tad-dejta personali. Il-garanzija ta' livelli xierqa ta' privatezza u ta' protezzjoni tad-dejta fil-kuntest ta' skambji ta' kull xorta ta' informazzjoni personali.

Il-Protezzjoni diplomatika u konsulari. Jiġi ppreċiżat li l-awtoritajiet konsulari u diplomatiċi ta' kull Stat Membru jkunu jistgħu jipprovdu protezzjoni liċ-ċittadini ta' kull Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikoli 20 u 23 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kooperazzjoni fl-iżvilupp globali

Il-ftehim għandu jkunu jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-oqsma li ġejjin:

Impenn komuni lejn il-qerda tal-faqar u għal kooperazzjoni bil-ħsieb li jitqattqu impenji internazzjonali dwar l-effettività tal-assistenza u tal-iżvilupp.

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni f'fora reġjonali u internazzjonali, bil-ħsieb li titjeb l-effettività tal-assistenza u l-iżvilupp fuq il-post.

Il-Kooperazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u f'setturi oħrajn

Il-Ftehim għandu jirreferi b'mod trasversali għal oqsma oħra ta' kooperazzjoni, u jara li jinkludihom u jespandihom kull fejn ikun relevanti, inkluż f'oqsma bħal ma huma:

- L-ambjent
- It-tibdil fil-klima
- Il-protezzjoni ċivili
- L-Enerġija
- It-trasport
- Is-servizzi finanzjarji
- L-Affarijiet Doganali

DECLASSIFIED

- It-Tassazzjoni (li tirrifletti l-pożizzjoni maqbulha tal-UE dwar il-promozzjoni tal-aderenza mal-prinċipji tal-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa)
- Il-kooperazzjoni finanzjarja, inklużi d-dispożizzjonijiet kontra l-frodi
- L-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-forestrija
- L-affarijiet marittimi u s-sajd
- L-impjiegi, ix-xogħol deċenti u l-affarijiet soċjali
- L-edukazzjoni u t-taħriġ
- Il-kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili
- Il-kultura, il-qasam awdjoviżiv u l-medja
- Ir-riċerka u l-innovazzjoni
- Is-soċjetà tal-informazzjoni.

Jekk, matul il-negozjati, jiġu identifikati oqsma potenzjali oħra ta' kooperazzjoni, dawn jistgħu jiġu koperti bl-użu ta' lingwaġġ xieraq u mfassal b'mod speċifiku.

Il-qafas istituzzjonali u d-dispożizzjonijiet finali:

Il-Ftehim Qafas se jtejjeb u jieħu post id-Dikjarazzjoni Konġunta. Huwa se joħloq qafas ġenerali legalment vinkolanti għar-relazzjonijiet tal-UE ma' New Zealand. Il-ftehimiet dwar setturi speċifiċi se jibqgħu fis-seħħ.

Għandu jkun hemm rabta legali u istituzzjonali ċara bejn il-Ftehim Qafas u kemm il-ftehimiet settorjali li jeżistu u dawk li jistgħu jsiru fil-futur.

Id-dispożizzjonijiet marbuta mar-rwol u l-funzjonament tal-Kumitat Konġunt għandhom jiżguraw kumplimentarjetà sħiħa mal-istrutturi u l-proċeduri stabbiliti skont ftehimiet settorjali biex jiġi żgurat li jitfassal qafas istituzzjonali koerenti u effiċjenti.

Id-dispożizzjonijiet marbuta man-noneżekuzzjoni u mar-riżoluzzjoni ta' tilwimiet konnessi mal-Ftehim Qafas għandhom ikunu konformi ma' dawk li hemm fi ftehimiet internazzjonali riċenti oħra li għandha l-UE.

Għandha tiddaħħal dispożizzjoni li tistipula li xejn fil-Ftehim Qafas ma jista' jkun ta' ħsara għal liġijiet u regolamenti nazzjonali jew tal-UE fejn jidħol l-aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali.

DECLASSIFIED

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni biex tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

"B'referenza għad-Direttivi ta' Negozjati għal Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u New Zealand, li jibdew mill-preżunzjoni li r-riżultat probabbli tan-negozjati jkun ftehim imħallat, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonfermaw li n-natura legali finali tal-Ftehim ser tiġi ddeterminata fl-aħħar tan-negozjati abbażi ta' analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-kopertura tad-dispożizzjonijiet individwali".

DECLASSIFIED